ERA
Environment & Resources Authority

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

**AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA**

1 ta' Ottubru 2024

# Il-Ħatra tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi bħala Awtorità Nazzjonali Oħra mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) illum iffirmaw Memorandum ta' Ftehim, li b'mod uffiċjali jaħtar lill-ERA bħala Awtorità Nazzjonali Oħra (ONA).




Din il-ħatra taqa' taħt ir-Regolament (KE) 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea u sa ssejjaħ lill-ERA biex tkun is-sors uffiċjali għal diversi statistiċi relatati mal-iskart.

L-istess bħalma jiġri mal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, bħala parti mis-Sistema tal-Istatistika Ewropea (ESS), l-ONAs iridu jżommu mal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea. Din il-ħatra tagħti s-setgħa lill-ERA biex tipproduċi, tiżgura l-kwalità, u tgħaddi direttament l-istatistika ta' Malta dwar l-iskart lill-Eurostat. Il-ħatra tal-ERA bħala ONA tirrifletti l-ħila tagħha li tissodisfa l-kriterji stretti stabbiliti mill-ESS. Barra minn hekk, din l-indipendenza tenfasizza r-responsabbiltà tal-ERA għall-kwalità u l-kredibbiltà tal-istatistika li tipproduċi dwar l-iskart.

Fir-rwol tagħha bħala ONA, l-ERA tiġbor u tirrapporta l-istatistika relatata mal-iskart direttament lill-Eurostat, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, dwar dan li ġej:

- Vjaġġi tal-iskart
- Skart ta' batteriji u akkumulaturi
- Skart Muniċipali
- Skart mill-kostruzzjoni u t-twaqqigħ
- Skart tal-ikel
- Żejt skartat
- Vetturi li ma jkunux għadhom jintużaw
- Skart mill-imballaġġ
- Basktijiet tal-plastik ħfief
- Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)
- Riżorsi ġejjin mill-plastik

ERA
Environment & Resources Authority

Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika




Din il-ħatra timmarka pass importanti ’l quddiem fil-kontribut tal-ERA għal data ambjentali nazzjonali u Ewropea ta’ livell għoli, filwaqt li tiżgura rappurtar f’waqtu u preċiż biex tappoġġja l-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet, u fl-istabbiliment ta’ Sistema Nazzjonali tal-Istatistika b’saħħitha.

Bħala koordinatur tas-Sistema Nazzjonali tal-Istatistika, l-NSO sa jkompli jissorvelja l-kwalità u l-puntwalità tal-istatistika uffiċjali maħruġa mill-ERA bil-għan li jsostni u jkompli jtejjeb il-kwalità tal-istatistika uffiċjali.